## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru, 2015**

**Rikors Nru: 46/2015 MLF**

**Public Broadcasting Services Limited**
**vs**
**Ta' Qali Producers Group**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata (1) tiddikara illi l-assocjazzjoni konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames t'elef sitt mija u hames Euro (€5,605) rapprezentanti l-prezz pattwit ghal xandir ta' reklami, messaggi promozzjonali u/jew teleshopping fuq l-istazzjonijiet tat-televizjoni u tar-radju operati mis-socjeta' attrici; (2) tordna lill-assocjazzjoni konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef sitt mija u hames Euro (€5,605).

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t- (sic) (ittra numru: 1362/2014) u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dina l-kawza u bl-imghax bl-oghla rata skond il-ligi kontra l-konvenut.

Rat li l-entita' konvenuta debitament notifikata bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma dehritx ghas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2015 u lanqas ipprezentat risposta.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-entita konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-11 ta' Dicembru, 2015, l-entita konvenuta msejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-entita konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef sitt mija u hames Euro (€5,605.00) bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata bin-numru 1362/2014 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur u bl-imghax bl-oghla rata skond il-ligi, kontra l-entita konvenuta.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**